MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1011/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Samuel Veneziana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm130.00c (mija u tletin lira Maltin) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm120.00c (mija u ghoxrin lira Maltin) import ta' hames (5) kambjali li d-data ta' maturita' taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' Lm10.00c (ghaxar liri Maltin) bhala mghaxijiet legali dovuti mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Philip Magri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm130.00c (mija u tletin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------